**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Frar, 2021**

**Mandat Nru: 95/2021/1 AF**

**Inez Calleja u Frank Calleja**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Infrastructure Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Inez Calleja u Frank Calleja li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talbu lil din il-Qorti zzomm lil Infrastructure Malta milli taghmel, u/jew taghti struzzjonijiet sabiex isiru, kwalsiasi xogholijiet ta' zvilupp, inkluz izda mhux limitat ghal xogholijiet ta' skavar, tqattiegh, demolizzjoni, kostruzzjoni, asfaltar u xogholijiet ohra relatati, fuq is-sit appartenenti lill-esponenti li jinsab gewwa Triq l-Imdina, Limiti tar-Rabat, Attard u li hu maghruf bhala 'Ta' Ciampra' jew 'Ta'

Kaccatura', liema sit jikkonsisti in parte f'art agrikola u in parte f'razzett antik.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Infrastructure Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lil Inginier Frederick Azzopardi jiddikjara li x-xogholijiet de quo fil-fatt ser isiru.

Semghet lid-difensuri.

Rat li l-istess rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art 873 et seq u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest.

Qieset illi l-proprjeta de quo tappartjeni lir-rikorrenti u dan il-fatt ma baqax jigi kontestat wara li gew prezentati kopji ta' atti u pjanti relattivi.

Huwa fatt inkontestat illi l-esproprju tal-immobbli mertu tal-proceduri baqa' ma giex finalizzat, ghalkemm proprjetajiet ohra inkluzi fil-progett fil-fatt diga gew formalment esproprjati u s-sidien taghhom kompensati.

Il-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghall-progett jinkludu kundizzjonijiet specifici imposti mis-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali ghar-rilokazzjoni tar-razzett de quo gebla gebla. Dawn il-kondizzjonijiet ghadhom ma gewx sodisfatti, ghalkemm pjenament rikonoxxuti minn Infrastructure Malta tant li hemm pendenti talba f'din is-sens mal-Awtorita' tal-Ippjanar liema talba thallset mill-istess Infrastructure Malta. Il-Qorti tqis essenzjali l-valutazzjoni tal-proprjeta' fl-intier taghha qabel ma tintmiss peress illi l-ezistenza ta' immobbli ta' valur storiku zgur timpingi fuq il-valur ahhari tal-kumpens.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi, ghalkemm tirrikonoxxi l-entita' massicca tal-progett fl-intier tieghu, ma jistghux b'daqshekk jigu skartati l-jeddijiet tal-proprjetarji individwali. Il-ligijiet tal-pajjiz jirrikonoxxu d-dritt tal-istat li jesproprja proprjeta privata meta dan ikun fl-interess pubbliku, pero' dan mhux a skapitu tal-proceduri ezistenti li jikkawtelaw il-jeddijiet tal-individwi.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba ta' Inez Calleja u Frank Calleja u zzomm lill-Infrastruture Malta milli taghmel, u/jew taghti struzzjonijiet sabiex isiru, kwalsiasi xogholijiet ta' zvilupp, inkluz izda mhux limitat ghal xogholijiet ta' skavar, tqattiegh, demolizzjoni, kostruzzjoni, asfaltar u xogholijiet ohra relatati, fuq is-sit appartenenti lill-esponenti li jinsab gewwa Triq l-Imdina, Limiti tar-Rabat, Attard u li hu maghruf bhala 'Ta' Ciampra' jew 'Ta Kaccatura', liema sit jikkonsisti in parte f'art agrikola u in parte f'razzett antik.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF